MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 76/2014

Il-Pulizija

vs

**Fabio Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Fabio Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, mix-xhur ta` Marzu sa Lulju 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil omm uliedek Isabella Mercieca u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipula bill-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati skont l-akkuza dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Fabio Psaila pprezentat fis-27 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tas-17 ta' Frar, 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura u tilliberah mill-akkuza dedota kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Il-Qorti giet informata mill-appellant li ma jistax jhallas ghaliex m'ghandux dhul u ighix fuq il-karita ta' ommu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li hi rceviet dak kollu dovut minghand l-appellant u ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Il-partijiet trattaw dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Fabio Psaila u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ta' xahar detenzjoni u minflok wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha lill-appellant Fabio Psaila bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------